MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 1336/2007

**L-Avukat Dr Henri Mizzi bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetajiet esteri Robert Damkjaer Limited u Damkjaer International A/S**

**Vs**

**Robert Damkjaer (Malta) Limited rapprezentata mill-ufficjal ricevitur Dr Kevan Azzopardi[1] u CSMR (1994) Limited**

[1] Il-qorti tordna korrezzjoni fis-sens li ghal Robert Damkjaer (Malta) Limited qieghed jidher l-ufficjal ricevitur Dr Kevan Azzopardi. B'digriet moghti fid-19 ta' Dicembru 2012 fil-kawza 785/2008 fl-ismijiet **Dr Henri Mizzi nomine vs Robert Damkjaer (Malta) Limited**, il-qorti laqghet it-talba tar-rikorrent nomine sabiex il-kumpanniji atturi jkomplu bil-kawza 1336/2007AE. Fil-kaz 785/2008AE inghatat decizjoni fl-1 ta' Novembru 2012 li biha giet xolta l-kumpannija Robert Damkjaer (Malta) Limited u ordnat l-istralc taghha. Procedura li ghadha pendenti sal-lum. Il-qorti tirrileva li ghalkemm fil-kawza in ezami l-ufficjal ricevitur kien attenda ghas-seduta tal-14 ta' Marzu 2013 u ddikjara li kien

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fil-21 ta' Dicembru 2007 l-atturi ppremettew li:

1. Robert Damkjaer Limited hi proprjetarja ta' marka 'Dany' kif jirrizulta mid-dokument mahrug mill-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomici.
2. L-attrici l-ohra dahlet f'diversi arrangamenti li principalment kienu:
   - i) Azzjonista ta' 50% fil-kumpannija Maltija Robert Damkjaer (Malta) Limited flimkien ma' azzjonisti ohra Maltin li ghandhom il-qbija ta' 50%.
   - ii) B'kuntratt ta' agenzija esklussiva bejn CSMR (1994) Limited u l-kumpannija lokali, CSMR giet awtorizzata tqassam f'Malta chicken frankfurter sausages u chicken luncheon sausages, it-tnejn prodotti tal-friza (chilled) tal-marka Dany.
   - iii) Il-kumpannija Daniza Damkjaer International A/S kienet tforni l-materja prima (li principalment kienet laham) lil dik lokali. Din imbaghad kienet timmanifatturah u tbiegh il-prodotti lesti lil CSMR, li mbaghad kienet tbieghhom fis-suq Malti.
   - iv) Robert Damkjaer Limited ma tatx dritt lil Robert Damkjaer Malta Limited jew lil CSMR il-permess li juzaw il-marka Dany. Il-marka kienet tintuza fuq il-prodotti manifatturati minn RD(M) skond intendiment li ma sarx bil-miktub, u li sarb bejn Robert Damkjaer Limited u Damkjaer International A/S, fejn tal-ahhar kienet awtorizzata tippermetti lil terzi sabiex jaghmlu uzu mill-marka Dany.
   - v) Robert Damakjaer Limited ma kenitx parti ghall-ftehim li sar dwar il-bejgh tal-prodott f'Malta.
3. Il-*partnership agreement* gie tterminat minhabba diversi ragunijiet, fosthom nuqqas ta' hlas.
4. L-ahhar konsenja ta' materja prima saret lejn l-ahhar ta' Novembru 2006.
5. Madankollu rrizulta li l-prodotti baqghu jinbieghu fis-suq lokali Malti.
6. Robert Damkjaer Malta Limited giet imsejha sabiex twaqqaf dan l-agir u giet ukoll infurmata li ma kenitx awtorizzata li tuza l-marka Dany. Pero' baqghet timmanifattura l-prodott b'uzu ta' materja prima li akkwistat minghand haddiehor u tghid li l-prodott kien ta' Dany. Min-naha ta' CSMR baqghet tixtri mill-prodott u tqassmu fis-suq Malti.
7. Dan l-agir hu ksur tad-Drittijiet ta' proprjeta intelletwali ta' RDL, kif deskritt fl-Artikolu 10 tal-Kap. 416.

---

qieghed jirrizerva d-dritt li jipprezenta rikors ghar-revoka tad-digriet tad-19 ta' Dicembru 2012 li nghata fil-kawza 785/2008, dan baqa' ma sehhx.

Ghalhekk l-atturi talbu lill-qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-ebda wahda mill-kumpanniji konvenuti mhi awtorizzata li tuza jew tinqeda bil-marka Dany.
2. L-agir tal-konvenuti, jew min minnhom, ikkawza danni lill-atturi jew min minnhom.
3. Tillikwida d-danni u jekk ikun il-kaz meqjus dak li jinghad fl-Artikolu 12 tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta’ Malta.
4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu d-danni.
5. Skond l-Artikolu 15(1) tal-Kap. 416, tizgura li ssir il-qerda tal-prodotti tal-friza tal-marka Dany li gahndhom best before date wara l-1 ta’ April 2007 u li gew cirkolati fis-suq Malti bi ksur tad-dritt ta’ proprjeta intelletwalli tas-socjeta Robert Damkjaer Limited.

Il-konvenuti wiegbu permezz ta’ risposta guramentata li pprezentaw fl-24 ta’ Marzu 2008 (fol. 141):-

i. Il-Qrati Maltin m’ghandhomx gurisdizzjoni. Eccezzjoni li giet deciza b’sentenza tas-26 ta’ Jannar 2010 (fol. 264).
ii. Robert Damkjaer (Malta) Limited kienet awtorizzata li tuza l-marka Dany fl-isfond ta’ arrangament kummercjali li kien hemm. L-uzu tal-marka kien *bona fide*.
iii. Damkjaer International A/S m’ghandha l-ebda interess u ma tistax titlob rimedju skond il-ligi Maltija gialadarba m’ghandix titolu fuq il-marka.
iv. L-esponenti ma kissru l-ebda dritt ta’ proprjeta industrijali.
v. It-terminazzjoni pretiza tal-licenzja ta’ produzzjoni ta’ merkanzija bil-marka Dany hi bla effett fil-ligi peress li saret bi ksur ta’ kuntratt applikabbli.
vi. L-esponenti ma kkawzaw l-ebda danni ghal dak li ghamlu, u dejjem harsu l-interessi tal-kumpannija joint venture u tal-marka Dany.
vii. Kienu l-atturi li kissru l-arrangamenti kuntrattwali li kienu jezistu billi fixklu lil Robert Damkjaer Malta Limited fix-xoghol li kienet qeghda taghmel.
viii. Ma hemm l-ebda prodott fil-pussess tal-konvenuti bil-marka Dany li ghandu best before li jmur oltre l-1 ta’ April 2007.
ix. It-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Il-kaz jitratta dwar *trademark* **Dany** proprjeta tal-attrici Robert Damkjaer Limited (**RDL**) li b’effett mill-11 ta’ Dicembru 2001 giet registrata f’Malta (fol. 6). L-attrici l-ohra, Damkjaer International A/S (**DI**) ghandha l-permess biex taghmel uzu minn din il-marka. Iz-zewg kumpannija huma parti mill-istess grupp (fol. 334). Il-kumpannija konvenuta Robert Damkjaer (Malta) Limited (**RDM**) saret bi shab bejn DI u nies Maltin li ghandhom ukoll interess fil-kumpannija CSMR (1994) Limited (**CSMR**). Skond ftehim li sar bejn RDM u DI, tal-ewwel kellha tixtri materja prima minghand DI u timmanifatura l-prodott (zalzett tat-tigieg u *Chicken Luncheon Sausages*) u tbieghu lil CSMR sabiex imbaghad jinbiegh fis-suq

lokali. Irrizulta li l-ahhar konsenja ta' materja prima li saret lil RDM kien f'Novembru 2006. Permezz ta' ittra datata 12 ta' April 2007 (fol. 35) RDL interpellat il-permess lil RDM milli tkompli taghmel uzu mill-marka Dany[2]. Irrizulta wkoll li b'ittra tal-istess data (fol. 48), DI infurmat lil RDM li kienet qeghda tittermina l-*partnership agreement* li kellhom minhabba li RDM kienet moruza fil-hlasijiet li kellha taghmel lil DI[3]. B'digriet moghti fit-12 ta' Ottubru 2007 din il-qorti kienet ordnat lill-konvenuti sabiex ma jinnegozjawx fi prodotti Dany. Eventwalment din l-ordni giet konfermata b'mod defenittiv b'digriet li nghata fit-23 ta' Novembru 2007 (Rikors 1040/2007) fejn il-qorti qalet:

*"1. iżżomm lill-intimati milli jinqdew bil-marka Dany fuq il-prodotti tagħhom;*

*2. tordna l-qbid tal-prodotti ta' l-intimati li għandhom il-marka Dany u li għandhom best before date wara l-1 t'April 2007*".

L-atturi pproponew din il-kawza sabiex:-

i. Il-konvenuti ma jkomplux jaghmlu uzu mill-marka u jhallsu d-danni;
ii. Jinqerdu l-prodotti li ghandhom il-marka DANY li ghandhom fuqhom best before date wara l-1 ta' April 2007 u li gew imqassma fis-suq Malti bi ksur tad-dritt ta' proprjeta intelletwali tal-kumpannija RDL Limited.

Eventwalment Robert Damkjaer Malta Limited waqfet milli topera. Illum hi xolta u llum hemm l-ufficjal ricevitur li qieghed jidher ghaliha (Dr Kevan Azzopardi)[4].

Skond l-Artikolu 10(1) tal-Att dwar it-Trademarks (Kap. 416):-

*"Persuna tikkontravjeni trademark registrata meta fil-kors tal-kummerc tuza sinjal li jkun identiku mat-trademark ghar-rigward ta' oggetti jew servizzi li jkunu identici ma' dawk li dwarhom it-trademark tkun registrata"*.

Imbaghad skond l-Artikolu 10(4) persuna tkun qeghda tuza sinjal meta:-

---

[2] Fl-ittra jinghad: *"Our clients inform us that you are using the Dany Trademark and distributing on the Maltese market products processed by you and made from raw materials acquired by third parties, other than from Damkjaer International A/S. As you should be aware, this practice is illegal and in breach of the intellectual property rights of our clients"*.

[3] Fi klawzola 14 tal-kuntratt jinghad: *"In the event of a serious breach of contract, the present Agreement may be cancelled in written form, within 7 days. Without being exhaustive, the following shall be considered serious breaches of contract: thant one of the parties fails to make any payment, declares bankrupt or goes into liquidation….."*.

[4] Ara sentenza tal-1 ta' Novembru 2012 (rikors 785/2008).

*"(a) twahhalha mal-oggetti jew mal-ippakkettjar taghhom;*

*(b) toffri jew tesponi oggetti ghal bejgh, tohroghom fis-suq jew tahzinhom ghal dawk l-ghanijiet taht is-sinjal, jew toffri jew tforni servizzi taht is-sinjal;*

*(c) timporta jew tesporta oggetti taht is-sinjali; jew*

*(d) tuza s-sinjal jew katrolerija kummercjali jew fir-reklamar".*

Fil-kawza **Jimmy Vella Fruit & Veg Limited vs Star Millenium Operators Limited**, din il-qorti[5] b'sentenza tal-4 ta' Lulju 2013 qalet:

*"Illi l-azzjoni naxxenti taht il-Kap. 416 hija differenti u distinta mill-azzjoni dwar il-konkorrenza sleali a termini tal- artikolu 32 tal-Kap. 13 u dana billi l-ewwel azzjoni hija intiza sabiex tipproteggi r-registrazzjoni ta' trademark, mentri t-tieni azzjoni hija intiza biex tirregola l-konkorrenza bejn il-kummercjanti fil-gestjoni tan-negozju taghhom (ara Portelli vs Axisa, Kollez.Vol. XXVIII.III.1318).*

*Fil-kaz tal-Qorti tal-Gustizzja Ewropeja 02 Holdings Limited and 02 (UK) Limited v Hutchison 3G UK Limited, C-533/06 il-Qorti qalet:*

*The proprietor of a mark may prevent the use of a sign which is similar to his mark if four conditions are satisfied:*

*that use must be in the course of trade;*

*it must be without the consent of the proprietor of the mark;*

*it must be in respect of goods or services which are identical with, or similar to, those for which the mark is registered;*

*and it must affect or be liable to affect the essential function of the trade mark, which is to guarantee to consumers the origin of the goods or services, by reason of a likelihood of confusion on the part of the public.".*

RDM ma setghetx taghmel iktar uzu mill-marka Dany wara l-ittra tat-12 ta' April 2007, u mhux mad-digriet tat-12 ta' Ottubru 2007. Mill-provi rrizulta li RDM kienet qeghda tbiegh prodott identiku bl-uzu ta' materja prima differenti li kienet qeghda takkwista minghand terzi. Il-ksur tal-marka kien qieghed isehh:

[5] Imhallef M. Chetcuti.

i. Minn meta RDM irceviet l-ittra tat-12 ta’ April 2007 u baqghet timmanifattura u tbiegh prodotti bil-marka Dany. Ma jirrizultax li kopja tal-ittra ntbaghatet lil CSMR. Madankollu gialadarba Mark Ellul Sullivan hu direttur ukoll ta’ CSMR, ghandu jitqies li CSMR kienet taf li RDM ma kellix jedd li taghmel iktar uzu tal-marka Dany.
ii. Meta RDM kienet qeghda tbiegh prodott f’packing li kellu l-marka Dany, li pero kienet mghottija bi sticker. B’decizjoni li nghatat fis-7 ta’ Ottubru 2011 il-qorti osservat: *"Id-dokument KK6 a fol. 285 ma fih l-ebda marka Dany li tidher fuqu. Madankollu l-qorti qeghda tifhem li kull ma sar kien li tghattiet il-kelma Dany, permezz ta’ sticker bil-kliem The Original. Fuq it-tikketta jinghad ukoll "Produced under Licence and Supervision by our Danish partners Robert Damkjaer Ltd.". Konsumatur li jara sticker fuq prodott facilment jista’ jnehhiha biex jara x’hemm taht. Fil-fehma tal-qorti ghal finijiet tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-trademark ta’ Robert Damkjaer Limited fuq l-ippakkettjar tal-prodott jikkwalifika bhala uzu minkejja li parti minna giet mghottija permezz ta’ sticker (ara Artikolu 10(4)(a)), iktar u iktar meta tqies li fuq l-istess pakketjar hemm dikjarazzjoni li l-prodott gie manifatturat taht licenzja u supervizjoni ta’ ‘our Danish partners Robert Damkjaer Ltd’"* (fol. 400).

Mal-affidavit ta’ Mark Ellul Sullivan hemm mehmuz dokument intestat *Profit analysis as requested for court case 336/2007AE* (fol. 438) fejn jinghad li:

i. Wara d-digriet tat-12 ta’ Ottubru 2007 il-marka Dany ma ntuzatx iktar.
ii. Ghal cirka gimghatejn fuq il-*packaging* twahhlet sticker sewda.
iii. Ghal sitt gimgha fuq il-*packaging* twahhlet sticker bajda.
iv. Fl-ahhar hames gimghat tas-sena 2007 beda jintuza *packing* bil-kelma **The Original**.

Mark Ellul Sullivan xehed:-

*"21. It is important to underline that the JVC took immediate action to observe the Court Order of the 12th October 2007 by refraining from further trading under the Dany brand name. What in actual fact happened was that the JVC’s products were rebranded to The Original and new labels for its products were printed. We stopped saying that we represented Dany and made it clear that the product which we now had on the new market was a new product.*

*22. In the immediate and short term, until the new labels had been developed and printed, and until the JVC had stock of the Dany labels, the JVC took care to cover the Dany brand on the stock it had. The products of the JVC are refrigerated short life products and hence*

*would have had to be thrown away if the JVC had not taken an immediate/short-term solution explained above"* (fol. 347).

Mill-provi li ressqu l-partijiet il-qorti hi konvinta li:

(a) RDM baqghet timmanifatura *chicken luncheon meat* f'*packing* li fuqu hemm it-trademark oggett tal-kawza, ghallinqas sas-sena 2011. F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:-

i. F'affidavit ta' Pierre Pellegrini Petit (fol. 321) jinghad li fit-3 ta' Lulju 2009 kien xtara lokalment *The Oirginal Chicken Luncheon Meat with garlic* bit-tabella Dany moghttija bi sticker fuqha u fuq il-pakkett kien hemm *Best Before* 08.2009 (fol. 322). Hu ghamel riferenza ghar-ritratt HPA8 a fol. 319.

ii. Mir-ritratti li x-xhud Karsten Kusch[6] ipprezenta mal-affidavit (ara fol. 285, 286, 287, 288, 289 u 290) jidher prodott fejn fil-parti *Best Before* tissemma s-sena 2010. Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2012 Mark Ellul Sullivan xehed: *"B'riferenza ghar-ritratt a fol. 285 et sequitur, qed nigi mistoqsi jekk il-prodotti li jidhru f'dawk ir-ritratti u ghandhom expiry date 2010 humiex ukoll frott ta' zball kif semmejt fl-affidavit tieghi paragrafu 6. Nghid li llum ma nistax nghid. Irrid nivverifika. Nikkonferma li l-expiry date tkun tidher fuq il-prodott, il-luncheon meat, proprju kif jidher fuq ir-ritratti li ghamlet riferenza ghalihom id-difensur tar-rikorrenti"* (fol. 459).

iii. F'affidavit iehor ta' Karsten Kursch (fol. 415) ikkonferma li bejn l-14 u s-17 ta' Novembru 2011 kien mar gewwa The Tower Supermarket, Sliema u sab il-prodott *chicken luncheon meat* u fuqu kien hemm sticker bl-isem *The Oiriginal*, u meta nehhiha sab il-kelma Dany (ara ritratti a fol. 417).

Il-konkluzjoni hi li t-taghrif li ta Mark Ellul Sullivan fid-dokument mehmuz mal-affidavit tieghu (ara fol. 438) ma jirriflettix il-verita', u l-packing bit-trademark Dany baqa' jintuza wara s-sena 2007.

(b) Fl-istess zmien kien qieghed jintuza *packing* iehor ghall-istess prodott u li fuqu ma kenitx tidher it-trademark Dany. Konkluzjoni li l-qorti tasal ghaliha mir-ritratt a fol. 315 fejn id-data Best Before hi 18.02.09. L-istess jirrizulta mir-ritratt a fol. 317 fejn tidher is-sena 2009 bl-isem tal-prodott li sar The Original. Fuq dan il-packing m'hemmx il-kliem *Produced under License and*

[6] F'affidavit tal-5 ta' Frar 2008 qal li hu *"... advisor to Damkjaer International Limited and Area Sales Manager on behalf of Robert Damkjaer Limited, both companies registered in Denmark"* (fol. 132).

*Supervision by Our Danish Partners: Robert Damkjaer Ltd* kif jidher fuq packing iehor li fih it-trademark Dany.

Fl-eccezzjonijiet il-konvenuti ghamlu hafna riferenza ghall-kuntratti kummercjali li kien hemm. Pero' RDL, is-sid tal-marka, ma kenitx parti ghall-*partnership agreement* (fol. 25) u *sole agency agreement* (fol. 19) u lanqas ma kienet azzjonista ta' Robert Damkjaer (Malta) Limited (fol. 7). Ghalhekk qatt ma setghet kissret xi ftehim mal-konvenuti, ghaliex dan qatt ma kien jezisti. Bhala s-sid tal-marka Dany kellha kull dritt li ma tippermettix li titkompla tintuza. Ghalhekk wara l-ittra tat-12 ta' April 2007 RDM ma kellha l-ebda dritt li tkompli taghmel uzu mill-marka Dany fuq il-prodotti li kienet qeghda timmanifatura. Anzi kellha l-obbligu li tieqaf minnufih. Pero' hu evidenti li baqghet timmanifattura *chicken luncheon meat* u tippakjah f'packing li kellu l-marka Dany.

Il-qorti ma taqbilx mal-atturi li kien hemm ksur ukoll *"Bl-uzu tal-kuluri, stampi u kitba fuq l-istess prodott din id-darba bl-unika differenza fl-intestatura li minflok DANY bdiet taqra, ironikament The Original"* (ara punt 3.28.4 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi). Fuq dawn il-prodotti ma tidher imkien il-marka Dany. L-ilment tal-atturi kif propost fir-rikors promotur hu dwar l-uzu tat-trademark Dany. Inoltre bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' wiehed jargument li l-marka The Original hi b'xi mod simili ghall-marka Dany, u ghalhekk zgur li ma setax tinholoq konfuzjoni ghall-konsumatur. Il-konkluzjoni tal-qorti hi li dik il-marka ma kenitx qeghda tinganna lix-xerrej fis-sens li jhallat il-merkanzija bil-marka Dany mal-merkanzija bil-marka The Original.

**<u>Posizzjoni ta' Damkjaer International A/S</u>**.

Il-qorti hi tal-fehma li l-interess guridiku hu tal-kumpannija attrici l-ohra bhala s-sid tal-marka Dany. Fir-realta' kienet hi li sofriet il-pregudizzju mill-fatt li tkompla jsir uzu minn tali marka. Ma jirrizultax li DI sofriet xi danni. Rilevanti wkoll kif kienet RDL li bl-ittra legali tat-12 ta' April 2007 interpellat lil RDM biex ma tkomplix taghmel uzu mill-marka Dany. Ghalhekk il-qorti taqbel mal-eccezzjoni tal-konvenuti markati bhala (c).

**<u>Danni</u>**.

M'hemmx dubju li s-sid tat-trademark ghandu jedd ghad-danni. L-Artikolu 85 tal-Kap. 416 jipprovdi:

*"Il-provvedimenti ta' din it-Taqsima ghandhom japplikaw minghajr pregudizzju ghad-dritt li kull persuna ghandha li titlob id-danni b'konsegwenza ghal kull att li jikkostitwixxi reat"*.

Issir ukoll riferenza ghall-Artikolu 12 tal-Att Li Jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta Intelletwalli (Kap. 488) li l-atturi ghamlu riferenza ghalih fir-rikors promotur. Skond l-Artikolu 2 ta' dak l-Att, drittijiet ta' proprjeta' intellettwali jinkludu d-drittijiet li jinghataw taht l-Att dwar it-Trademarks.

F'affidavit li pprezenta fl-4 ta' Frar 2009, Karsten Kusch qal li:

- Bejn April 2007 u l-ahhar ta' Novembru 2007, Damkjaer International Limited tilfet €965.73 fi qliegh *"... at a time when the said meat (though of an inferior qualit) was being purchased from elsewhere"* (fol. 127).
- Bhala danni hemm il-qliegh ingust li ghamlet:
  (a) CSMR mill-bejgh tal-prodotti bi ksur ta' *trade mark rights*.
  (b) RDM mill-bejgh tal-prodotti lil CSMR.
- Telf li ghamlet RDL mill-ksur tad-drittijiet relatati mat-trademark. Dan jinkludi *"....image loss that Robert Damkjaer Ltd thas suffered and potentially has to cope with in the coming years"* minhabba uzu ta' prodott inferjuri, f'ammont ta' €115,000. Kompla jghid: *"I can draw a comparison with the sales of the canned meat products in 2006 which in 2007 have dropped by 38.2%. We feel that this could be related to the fact that the quality of the chilled products with the Dany trademark for the perio April-November 2007 were of an inferior quality and therefore the sales of the canned products was likewise negatively affected"*.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi ddikjaraw li fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni, *"... din l-Onorabbli Qorti ghandha tiehu s-somma – inkontestata- ta' Karsten Kusch fl-affidavit tieghu flimkien ma' somma li arbitrio boni viri din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li tirraprezenta l-qliegh ingust li ghamlu s-socjetajiet intimati u dan bl-uzu tad-diskrezzjoni li ghandha din l-Onorabbli Qorti li tillikwida dan il-qliegh ingust bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva"*.

Wara li l-qorti rat l-atti hi tal-fehma li:

(a) M'hemmx prova li sar bejgh ta' *chilled frankfurter sausages*. Anzi jirrizulta li ma kenitx qeghda ssir manifattura ta' dan il-prodott;

(b) Ghal dak li jikkoncerna l-bejgh lil CSMR ta' *chicken luncheon meat*, skond is-sales ledger li pprezentat RDM ghall-perjodu 1 ta' Jannar 2007 sal-24 ta'

Novembru 2001, kien hemm bejgh ta’ €306,732 (fol. 480-495)[7]. Cifra li ma taqbilx mat-taghrif li ta Mark Ellul Sullivan fid-dokumenti mehmuzin mal-affidavit li pprezenta fil-5 ta’ Jannar 2012 (fol. 425) u minn fejn jirrizulta li t-total hu ta’ €284,543.24. Min-naha l-ohra skond il-purchases ledger ta’ CSMR xtrat b’valur ta’ €319,123 (fol. 496-517), ghalkemm l-atturi taw cifri differenti skond kalkoli li ghamlu mid-dokumenti li pprezenta Mark Ellul Sullivan (ara nota a fol. 671). Dan apparti li m’hemmx taghrif dwar il-qliegh li setghet irregistrat CSMR mill-bejgh tal-prodotti. Jinghad ukoll li l-qorti hi xettika dwar it-taghrif li tat RDM ghal dak li jikkoncerna l-ispejjez tal-manifattura tal-prodott. F’dan ix-xenarju mhu facli xejn ghall-qorti li taghmel kalkoli ghal finijiet ta’ likwidazzjoni ta’ danni.

(c) Jekk kien hemm qliegh li sar ingustament, dan kien meta ntuzat il-marka Dany wara l-ittra tat-12 ta’ April 2007 li biha RDM giet infurmata li m’ghadx ghandha jedd taghmel uzu mill-marka. Dan kien matul is-sena 2007. Ghalkemm mill-provi rrizulta li fis-sena 2008 u wara kien ghadu qieghed jintuza pakkeggar bil-marka Dany fuqu, jibqa’ ‘l fatt li rrizulta li l-marka Dany kienet qeghda tigi mghottija permezz ta’ sticker. M’hemmx prova li l-pakkeggar kollu kien bl-isem Dany that sticker. Anzi l-indikazzjoni kien li sar pakkeggar bl-isem The Original minghajr ebda accenn ghall-kelma Dany. Fuq bazi ta’ probabilita’ kien dak il-konsumatur li jnehhi l-isticker li bi probailita’ kien ser jigi konfuz. Dan apparti li eventwalment hu evidenti li l-pakketti bil-marka Dany ma baqghux jintuzaw u RDM uzat packing bil-kelma The Original.

(d) Il-kalkolu li ghamel ix-xhud Kustch ta’ €115,000 bhala parti mid-danni m’hijiex sostanzjata bi provi. Dikjarazzjoni li fil-fehma tal-qorti hi *far fetched* u ntiza biss sabiex RDL tipprova tibni argument li sofriet danni kbar. Dan apparti li *canned meat* m’ghandu x’jaqsam xejn mal-prodotti meritu ta’ din il-kawza.

Il-qorti ser tillikwida l-ammont fuq bazi ta’ *arbitrio boni viri* fis-somma ta’ **hmistax-il elef ewro (€15,000)** li ghandhom jithallsu lil RDL bhala s-sid tat-trademark Dany, u dan fil-kuntest tal-Artikolu 12(2) tal-Kap. 488[8].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:**

1. **Tilqa’ l-eccezzjoni (c) tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra l-atturi.**

[7] Fis-seduta tat-28 ta’ Mejju 2013 Mark Ellul Sullivan li fis-sales ledgers hemm taghrif nieqes u dan ipproponieh f’dokument JR2 (fol. 676) li pprezenta waqt li kien qieghed jixhed. Kompla jispjega li l-merkanzija li nbieghet lil CSMR kienet ta’ **€313,235.33**.

[8] *"…. Il-Qorti tista’ meta tqis li jkun hekk adatt, taghzel li tapplika metodu ta’ stima alternattiv li jkun jinvolvi l-ghoti ta’ somma globali ta’ danni li ghandhom jithallsu u li tkun tinkludi elementi bhala huma, mill-inqas, l-ammont ta’ royalties jew hlasijiet li kienu jkunu dovuti kieku l-persuna li tkun qeghda tikkommetti l-ksur kienet talbet li tigi awtorizzata tuza d-dritt intelletwali in kwistjoni".*

2. **Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fil-meritu.**
3. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li hadd mill-konvenuti mhu awtorizzat li jaghmel uzu mill-marka Dany.**
4. **Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni.**
5. **Tillikwida s-somma ta' hmistax-il elf ewro (€15,000) bhala danni pagabbli lil Robert Damkjaer Limited.**
6. **Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici Robert Damkjaer Limited s-somma ta' hmistax-il elf ewro (€15,000).**
7. **Billi llum il-gurnata ma rrizultax li ghad hawn prodotti fis-suq li qeghda tbiegh CSMR li ghandhom il-marka Dany fuqhom u Robert Dakmjaer (Malta) Limited giet xolta, tiddikjara li m'hemmx htiega li jinghata xi provvediment dwar il-hames talba.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------